# GRAJJIET, DRAWWIET, TIFKIRIET

*(Jaqbad minn paġna 4)*

edukazzjoni taż-żagħżagħ, l-interess għal ġid komuni u x-xewqa li jweġġaħ il-Belt Valletta.

## JIRBAH L-"ESTOC"

Mhux ta' xejn il-Papa Benedittu XIII għaraf il-merti ta' dak il-Grammastru u bagħatlu l-*Estoc*, jiġifieri stallett bil-manku tal-fidda u l-kappell vjola irrakkmat bid-deheb u ħamiema fuqu mal-Kavallier Abbati Olivieri, li ppreżentahomlu b'sollennita' kbira fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann nhar it-3 ta' Mejju 1725. Dawn inżammu fit-Teżor tal-Knisja. Fil-Mostra tal-Kunsill tal-Ewropa, li saret fl-1970, żewġ tifkiriet ta' ġieħ bħalhom kienu esposti fil-Mużew ta' San Ġwann.

Nerġgħu mmorru lura għal Forti Manoel. Il-pjanta tiegħu tnaqqxet f'żewġ midalji tal-fidda, li ħarġu fis-snin 1723 u 1724 u b'midalja oħra tal-bronż ix-xbiha tal-istatwa li semmejna (tal-Mall). Illum diffiċli tara dawn il-midalji, iżda x-xbiha tal-Grammastru u l-pjanta tal-Forti wieħed jista' jarahom faċilment, meta jrid, fil-Knisja ta' San Ġwann, fil-monument li hemm imtella għal dak il-Grammastru.

## IL-MONUMENT F'SAN ĠWANN

Qatt rajtuh dak il-monument? Qiegħed fil-kappella ta' Kastilja u l-Portugall, l-ewwel waħda man-naħa tal-lemin. Hu monument tal-bronż u ta' rħam, maħdum mill-iskultur magħruf fjorentin Massimiliano Soldani Benzi (1648-1740). Jikkonsisti f'sarkofaġu, jew qabar, sabieħ ta' rħam miżmum minn żewġ iljuni kbar tal-bronż u mdawwar bi trofej, ktajjen u simboli tal-gwerra. Fil-faċċata tal-urna, jew qabar, hemm altoriljev skolpit, bejn realistiku u bejn simboliku, li juri lill-Grammastru jiddiskuti il-pjanta tal-Forti Manoel, miżmuma minn anġlu. Erba' anġli oħra jżommu simboli maġisterjali u emblemi rjali. Żewġ angli oħra jerfgħu r-ritratt tal-istess Grammastru f'gwarniċ ovali tal-bronż mdawwar b'girlanda tar-rand, sura ta' ġwienaħ. Fuq nett hemm l-anġli juru l-armi nobiljari, wieħed minnhom idoqq it-tromba tal-fama. Il-monument qiegħed fuq bażi ta' rħam li fiha tinqara skrizzjoni li tfaħħar il-Grammastru bejn wieħed u ieħor b'dan il-kliem: "Imwieled aktar milli maħtur għal dik il-kariga, bena l-Forti u bħala veru missier tal-fqar waqqaf sptarijiet. B'moħħ nobbli kien jaħseb ħwejjeġ għolja u jagħmel ħwejjeġ kbar. Fil-Gżira wieħed jara monumenti li juru t-tieba, il-ġenerożita' u l-ħsieb tiegħu għas-siġurta' u għar-rikreazzjoni tal-poplu".